



**Għid tiegħek dwar l-azzjoni  
klimatika u l-futur  
tal-Ewropa - flimkien  
ma' Peer Parliaments!**

L-Unjoni Ewropea tinsab fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-mira ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fl-emissionijiet ta' gassijiet serra sal-2030, l-UE qed timmira li ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 – iżda għandha bżonn l-ideat u l-opinjonijiet tiegħek! Il-politiki futuri tal-Ewropa dwar il-klima se jirnexxu biss jekk jitfasslu għan-nies u man-nies. Bħala parti mill-Patt Klimatiku Ewropew, qed nistidnuk tingħaqad mal-ħbieb, mal-familja, mal-ġirien jew

mal-kolleġi tiegħek, u torganizza l-Peer Parliament tiegħek stess biex tiddiskutu kwistjonijiet ewlenin mill-perspettiva tal-ħajja ta' kuljum tagħkom.

Din hija opportunità biex tgħarrfu lilna li nfasslu l-politika fuq livell Ewropew dwar x'tip ta' futur tixtiequ u taqsmu l-ideat tagħkom dwar kif nistgħu niħqu l-għanijiet klimatiċi ambizzjużi tagħha.

**Organizza Peer Parliament u sir pijunier  
tal-azzjoni klimatika fil-komunità tiegħek!**

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Jekk jogħġbok innota li l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument tista' tkun skaduta, peress li inizjalment kienet maħluqa fl-2022.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024



Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>. Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

## X'inhuma I-Peer Parliaments?

Dawn ilaqqgħu flimkien persuni biex jiddibattu dwar il-viżjoni tagħhom ta' kif it-tranżizzjoni lejn in-newtralitā klimatika għandha taħdem fil-prattika. Il-parteċipanti huma mistiedna jibagħtulna lura r-riżultati tagħhom, li se jiġu inklużi fid-deliberazzjonijiet fil-livell tal-UE.

I-Peer Parliaments huma mezz biex in-nies iwasslu l-fehmiet tagħhom direttament "mill-mejda tal-kċina għal Brussell", jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi l-kbar li qed tiffaċċja s-soċjetà tagħna, jieħdu deċiżjonijiet li huma kemm ambizzju kif ukoll ġusti, u jiżviluppaw soluzzjonijiet flimkien.

## Għaliex għandek tospita Peer Parliament?

Bħala parti mill-Patt Klimatiku Ewropew, aħna qed nistiednu lill-Peer Parliaments jittrattaw wieħed mis-suġġetti li ġejjin:



Kif immorru minn post għal ieħor



Kif nagħmlu l-enerġija tajba għall-ambjent u ġusta



Kif nieku u nikkonsmaw

Billi tospita Peer Parliament, inti se tlaqqa' flimkien grupp ta' 5-10 persuni interessati - membri tal-familja, ħbieb, kollegi, ġirien - u tiggwida d-diskussjoni billi tuża l-materjali ta' appoġġ disponibbli.

**Kif u meta tiltaqgħu hija deċiżjoni tagħkom!** Tistgħu tiltaqgħu fil-kumdità tas-salott f'darkom, f'park sabiħ jew online. L-idea hija li tieħdu gost waqt li taqsmu l-fehmiet u l-ideat tagħkom.

**Fl-aħħar tad-diskussjoni tagħkom, għandhom tivvotaw bħala grupp fuq is-soluzzjonijet preferuti u tibagħtu r-riżultati, flimkien mal-ideat ġodda li jista' jkollkom, lill-Kummissjoni Ewropea.**

**Ir-riżultati kkombinati mill-Ewropa kollha ser ikunu xxerrjati u diskussi minn dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati minn madwar l-Ewropa kollha. Il-vuċċijiet kollha jgħodd lu!**

Tixtieq issir taf aktar dwar il-Peer Parliaments?

[Żur is-sit web u skopri kif tista' ssir  
pijunier tal-azzjoni klimatika!](#)

Kif nistgħu nieklu b'mod

aktar sostenibbli?

Kif nistgħu nivvjaġġaw mingħajr

ma nagħmlu ħsara lill-klima?

Kif nistgħu nagħmlu

t-tranżizzjoni tal-enerġija

waħda soċjalment ġusta?

## Peer Parliaments Pass pass

Li tospita Peer Parliament huwa faċili. Trid sempliċiment issegwi dawn il-passi:

1

### Irreġistra bħala ospitant

Bħala ospitant ta' Peer Parliament, inti tistieden grupp ta' 5-10 persuni interessati għal laqgħa informali. Aħna nippovdulek materjali pjaċevoli u interessanti.

**Irreġistra hawnhekk!**

2

### Mexxi I-Peer Parliament

Qabel ma timmodera I-Peer Parliament, inti tista' tniżżeż il-materjali li ġejjin:

- Manwal ta' struzzjonijiet
- Informazzjoni ta' sfond dwar is-suġġett tad-diskussjoni tagħkom

**Aqsam il-materjal mal-ospiti tiegħek u **modera** d-dibattitu.**

3

### Aqsam ir-riżultati tiegħek

Wara d-dibattitu, inti tivvotwa s-soluzzjonijet preferuti u taqsam ir-riżultati tal-grupp tiegħek mal-Patt Ewropew dwar il-Klima. Il-voti u l-ideat tiegħek ser ikunu diskussi ma' dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati Ewropej.



#MyWorldOurPlanet

#EUClimatePact



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea



[climate-pact.europa.eu](http://climate-pact.europa.eu)



[EUClimateAction](#)



[EUClimateAction](#)



[ourplanet\\_eu](#)



[EU Environment and Climate](#)



[EUClimateAction](#)